# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors Maħluf Numru 542/2009/2 GM**

**Paolino *sive* Lino, Mario u Anthony kollha aħwa Tonna u *stante* l-mewt ta' Mario Tonna fis-7 ta' Diċembru 2017, b'digriet tad-9 ta' Marzu 2019 l-atti in kwantu għall-interess tiegħu ġew trasfużi f'isem l-armla tiegħu Lucienne Tonna u wliedu Dionne Tonna Trifiro u Kristel Lund Tonna**

***v.***

**Carmen Cacciattolo**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Carmen Cacciattolo minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Marzu 2019 li biha ordnat lill-konvenuta sabiex tagħti kont maħluf tal-assi minnha amministrati ta' Genoveffa Tonna u Silvia Tonna u tatha żmien ta' erbgħin jum sabiex l-istess konvenuta tippreżenta dan il-

kont maħluf b'nota fir-reġistru, bil-*visto* tal-atturi u b'riżerva tad-dritt tagħhom li jimpunjawh.

2. Il-fatti li wasslu għall-proċeduri tallum huma dawn: il-partijiet huma lkoll aħwa, ulied Ġenoveffa Tonna, li mietet fid-9 ta' Marzu 1999. Kellhom ukoll oħthom – li kien jisimha Silvia Tonna – li mietet fil-11 ta' Jannar 2000.

3. Omm il-partijiet kienet irregolat il-wirt tagħha b'testment tal-1 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia fejn ħalliet bi prelegat il-mobbli kollha mill-għatba 'l ġewwa u l-użufrutt tal-fond fejn kienet toqgħod hi flimkien ma' bintha Silvia Tonna lill-istess bintha, inklużi fl-użufrutt l-oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż u flus kontanti. Kienet ukoll ħatret bħala werrieta universali tagħha lill-ħames uliedha u ċioè il-partijiet kollha f'din il-kawża flimkien ma' oħthom Silvia Tonna fi ishma ndaqs bejniethom.

4. Silvia Tonna mietet intestata.

5. Fl-aħħar snin ta' ħajjithom l-omm u bintha Silvia kienu jħallu f'idejn il-konvenuta għal ħafna affarijiet peress li din kienet tkun dejjem id-dar tagħhom, tamministra l-flus u tagħmel kollox hi. Il-konvenuta kienet ukoll tieħu ħsiebhom, toħroġhom, issajrilhom, tnaddaf u tagħmel dak kollu li kien hemm bżonn. Fil-fatt fis-sena 1997, meta l-omm kellha tnejn u tmenin sena u saħħitha ma baqgħetx bħal qabel u għalhekk ma kienitx għadha tiflaħ tmur il-bank sabiex issarraf ċ-ċekkijiet tal-pensjoni, u meta Silvia kienet marida fis-sodda u b'saqajha t-tnejn

amputati, il-konvenuta kienet ġiet maħtura prokuratriċi tagħhom u amministrattriċi tal-affarijiet kollha.

6. Wara li mietet l-omm, il-konvenuta kienet ukoll marret tgħix ma' oħtha Silvia sabiex tkun tista' ttiha l-kura u l-assistenza kollha meħtieġa peress li ma kinitx ta' weħidha u bil-fors kellha bżonn lil xi ħadd min jieħu ħsiebha.

7. Ġara li madwar sitt xhur wara li ġiet nieqsa oħthom Silvia Tonna, l-atturi sabu d-dar fejn kienu joqgħodu ommhom u oħthom matul ħajjithom kważi vojta. Intebħu li kien hemm numru sostanzjali ta' affarijiet li kienu neqsin minn dan il-fond, fosthom dehbijiet, ħaġar prezzjuz, flus kontanti, dokumenti, għamara, inkwadri, ornamenti, tapiti u *appliances* li kienu jinsabu ġol-fond meta ommhom u oħthom Silvia kienu għadhom ħajjin.

8. Peress li l-konvenuta kienet prokuratriċi ta' ommhom u ta' oħthom meta dawn kienu għadhom ħajjin u peress ukoll illi baqgħet fil-pussess tal-assi ereditarji ta' ommhom u ta' oħthom Silvia wara l-mewt ta' din fil-11 ta' Jannar tal-2000, l-atturi talbuha sabiex tagħtihom rendikont ta' dawn l-assi ereditarji.

9. Il-konvenuta baqgħet ma tathomx dan ir-rendikont u kien għalhekk illi l-atturi fetħu l-kawża tallum u talbu lill-qorti sabiex:

> »1. taċċerta l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' … Genoveffa Tonna u Silvia Tonna;
>
> »2. tikkundanna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju tagħti rendikont tal-assi ereditarji minnha amministrati bħala prokuratriċi u bir-riserva li dan jiġi impunjat;

»3. fin-nuqqas tal-intimata illi l-esponenti ikunu awtorizzati li jippreżentaw huma rendikont minnhom konfermat bil-ġurament li jagħmel stat bejn il-partijiet;

»4. tikkundanna lill-intimata trodd lura lill-eredità l-oġġetti fil-pussess tagħha jew dawk illi għandha tagħti kont għalihom.«

10. Il-konvenuta wieġbet hekk għar-rikors tal-atturi:

»1. illi … il-pretensjoni [tal-atturi] tirrigwarda dak li jippretendu li għamlet l-esponenti bħala prokuratriċi tagħhom in kwantu għas-sehem ereditarju tagħhom fil-wirt ta' ommhom Genoveffa Tonna u fil-wirt ta' oħthom Silvia Tonna;

»2. l-esponenti qatt ma kienet il-prokuratriċi ta' ħutha l-atturi a rigward ta' dan l-assi ereditarju ta' ommhom Ġenoveffa Tonna *née* Camion u ta' oħthom Silvia Tonna …;

»3. tant ma kienetx prokuratriċi tagħhom dwar l-istess assi li b'ittra uffiċjali tal-24 ta' Lulju 2002 l-esponenti kienet interpellat lill-atturi bħala ko-eredi biex iħallsuha għas-serviġi minnha reżi lil Silvia Tonna fil-marda serja tagħha kif ukoll biex jaddivjenu għall-qsim tal-għamara u oġġetti oħra tal-istess Silvia Tonna li kienu jinsabu fil-kustodja tal-attur Mario Tonna;

»4. l-imsemmija ittra uffiċjali ġiet segwita b'ittra uffiċjali oħra tad-20 ta' Novembru 2004 fejn l-esponenti irrespinġiet l-allegazzjonijiet tal-atturi magħmula fl-ittra uffiċjali tagħhom tal-22 ta' Novembru 2004 u fejn reġgħat interpellat lil Mario Tonna jersaq għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-għamara ta' oħthom li kienet fil-pussess tiegħu skond lista … annessa mal-istess ittra uffiċjali;

»5. dawn l-ittri uffiċjali kollha kif ukoll oħrajn sussegwenti juru li, apparti l-kreditu tal-esponenti għall-ħlas ta' serviġi, il-kwistjonijiet l-oħra li kien hemm bejn il-kontendenti kienu kwistjonijiet li jeżistu bejn ko-eredi u mhux kwistjonijiet bejn prokuratriċi u il-mandanti tagħha, ċioè l-atturi;

»6. l-attriċi kienet ukoll bagħtet ittra uffiċjali fil-19 ta' Novembru 2002 lill atturi odjerni biex dawna bħala eredi ta' oħthom Silvia Tonna iħallsuha kull wieħed minnhom is-somma ta' Lm 107.06 sehmu mis-somma ta' Lm 428.24,2 li hija kellha tirrifondi lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mħallsa żejda lill-istess Silvia. L-attur odjern Paolino Tonna ħallas sehmu minn din is-somma ċioè Lm 107.06 u qatt ma avanza il-pretenzjoni li l-esponenti kienet qiegħda tamministra bħala prokuratriċi tiegħu l-assi ta' Silvia Tonna u talabha rendikont ta' dik l-amministrazzjoni. Għalhekk it-talbiet tal-atturi biex jiġu aċċertati l-imsemmija assi ereditarji ta' ommhom u ta' oħthom u sabiex l-esponenti tiġi konsegwentement ikkun-dannata biex tagħti rendikont tal-amministrazzjoni tagħha tal-imsemmija assi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjes kontra tagħ-hom billi l-esponenti qatt ma kienet ġiet inkarigata mill-atturi li tagħmel din l-amministrazzjoni;

»7. jista' jiżdied li l-esponenti kienet imbagħad intavolat kawża kontra l-atturi preżenti (avviż nru 21/03 SM <u>Carmela Cacciatolo armla ta' Charles Cacciatolo *v.* Mario Tonna, Lino Tonna u Anthony Tonna</u>)

għall-ħlas tal-imsemmija serviġi u kif jidher mis-sentenza mogħtija fis-17 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Appell, Sedi Inferjuri, l-atturi odjerni ġew ikkundannati biex iħallsu lill-esponenti s-somma ta' sebat elef tmin mija wieħed u disgħin euro tnejn u disgħin ċenteżmi (€7,891.92) bl-ispejjeż kollha ta' dik il-kawża. Kien biss wara din is-sentenza kontra tagħhom u wara dawn is-snin kollha li l-atturi għamlu l-kawża preżenti.«

11. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … f'dan l-istadju l-qorti qiegħdha tiddisponi mill-kawża *in parte* billi:

»(1) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

»(2) tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuta tagħti kont maħluf tal-assi minnha amministrati ta' Genoveffa Tonna u Silvia Tonna u tippreżentah b'nota fir-reġistru fi żmien erbgħin jum bil-*visto* tal-atturi, b'riżerva tad-dritt tagħhom li jimpunjawh.

»Tirriżerva li tipprovdi dwar it-talbiet l-oħrajn.

»Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.«

12. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»Il-fatti:

»Illi l-kontendenti huma lkoll aħwa, ulied Genoveffa Tonna, li ġiet nieqsa fid-9 ta' Marzu 1999 u rregolat l-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment ta' l-1 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia u ħalliet bi prelegat il-mobbli kollha mill-għatba 'l ġewwa u l-użufrutt tal-fond … … … fejn kienet tirrisjedi hi (flimkien ma' bintha xebba Silvia Tonna), lill-istess bintha, inklużi l-oġġetti tad-deheb, fidda, ħaġar prezzjuż u flus kontanti. Genoveffa Tonna istitwixxiet bħala eredi universali tagħha lill-ħames uliedha u ċioè il-kontendenti kollha f'din il-kawża flimkien ma' oħthom Silvia Tonna fi kwoti ndaqs bejniethom;

»Illi jidher li din Silvia Tonna kienet dilettanta kbira tal-oġġetti tad-deheb u kienet tħobb tixtri minnu kull okkażjoni li ssib. Kellha deheb tqil u goff li jiswa l-flus u fil-fatt tal-familja b'ċajta kienu laqqmuha "*Zampa*" tant kemm kellha deheb. Kull ma kienet tixtri kienet turih lil ħutha jew lin-neputijiet u ma kienx hemm ħabi dwar il-kwantità ta' deheb illi kellha. Kellha fost ohrajn *choker* biċ-*charms* tad-deheb li kien jiswa xi elf lira Maltin, giżirana twila tad-deheb bis-salib, giżirana ħoxna forma ta-serp, sitt brazzuletti tad-deheb ħoxnin u oħrajn irqaq, ċrieket u msliet kollha tad-deheb u affarijiet oħra. Fil-fatt l-atturi esebew sett ta' ritratti fejn jidher deheb illi kienu jilbsu ommhom u oħthom (għaliex ommhom ġieli ħadet xi deheb minn ta' Silvia) għal xi okkażjonijiet tal-familja u anke preżentaw lista ġuramentata ta' dehbijiet li kienu jinsabu gewwa d-dar ta' ommhom li dawn jammontaw

għal-eluf ta' euro. Kemm l-atturi, kemm in-neputijiet ta' Silvia u kemm il-konvenuta ikkonfermaw illi verament kellha kwantità kbira ta' deheb;

»Illi l-attur Paolino Tonna jixhed illi fl-aħħar xhur ta' ħajjitha oħtu Silvia kien jaraha tpoġġi ddeheb ġo basket oħxon u kienet taħbih f'postijiet differenti meta tkun ħierġa għal-isptar. Jixhed ukoll illi Silvia kienet tkellmu fuq kollox u kienet tafdah ħafna u kienet qaltlu li d-deheb jinsab għandha u biex jieħu ħsiebu hu. Fl-aħħar xhur ta' ħajjitha, Silvia kienet tiċċajta miegħu illi, jekk ikun il-każ, lesta tbigħ id-deheb kollu u ġġib lil xi ħadd min jieħu ħsiebha minnflokk tqabbad lil ħutha u dan juri illi kien hemm kwantità kbira ta' deheb sabiex setgħet tagħmel dan;

»Illi l-konvenuta minn dejjem kienet viċin ħafna ta' ommha u ta' oħtha u kienet dejjem ġejja u sejra għandhom. Fil-fatt meta t-tfal tagħha kienu għadhom żgħar kienu jqattgħu tmien il-ġimgħa għand in-nanna u z-zija tagħhom. Għalhekk kienet midħla ħafna tal-ħajja kwotidjana tagħhom u bla ma trid anke ta' x'kellhom u ma kellhomx ġewwa d-dar, ħaġa normali jekk kienet tqatta' ħafna ħin hemm. Illi għalhekk kienet xi ħaġa pjuttost naturali illi fl-1997 il-konvenuta ġiet maħtura prokuratriċi ta' ommhom u oħthom bħala amministrattriċi tal-affarijiet kollha meta ommhom kellha tnejn u tmenin (82) sena u saħħitha ma baqgħetx bħal qabel u għalhekk ma kinitx għadha tiflaħ tmur il-bank sabiex issarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni u oħthom kienet marida fis-sodda u b'saqajjha t-tnejn amputati. Ħadd mill-atturi ma sab oġġezzjoni li ssir prokura favur il-konvenuta. Skond l-atturi, fl-aħħar snin li kienet ħajja ommhom kienet tħalli f'idejn il-konvenuta, għax din kienet tkun dejjem id-dar tagħhom, tamministra l-flus u tagħmel kollox hi. Apparti minn dan, il-konvenuta kienet tieħu ħsiebhom, issajrilhom, tnaddaf u tagħmel dak kollu li kien hemm bżonn. Il-konvenuta Cacciattolo kienet tamministra kollox hi peress illi ommhom kienet għajjiet u oħthom ma setgħetx tiċċaqlaq. L-atturi jixhdu li ommhom kienet tgħidilhom li hemm xi flus fil-kexxun u fil-ħwejjeġ u kienet tpoġġihom hemm u kienet tużahom Carmen u tiddisponi minnhom hi biex tużahom f'dak li kien hemm bżonn. Fil-fatt il-konvenuta tikkonferma illi, meta kienet issarraf iċ-ċekkijiet ta' ommhom u oħthom, kienet titfagħhom fil-kexxun;

»Illi l-konvenuta dejjem ċaħdet li kellha prokura a favur tagħha min-għand ommha u oħtha Silvia kemm in eżami u kemm in kontro-eżami u inizjalment kienet ċaħdet illi kienet issarraf iċċekkijiet ta' ommha u oħtha iżda mbagħad ammettiet illi verament kienet issarrafhom tali ċekkijiet;

»Illi fis-16 ta' Ottubru 2002 il-konvenuta rċiviet korrispondenza min-naħa tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u dan bħala prokuratriċi ta' oħtha Silvia Tonna fejn ġiet infurmata illi oħtha kien ingħatalha ħlas żejjed ta' Lm428.242 u dan l-ammont kien qed jitnaqqas mill-benefiċċji tal-konvenuta. Sad-data tal-ittra kienu nġabru Lm345,263 u kien baqa' bilanċ ta' Lm82.97 li kienu se jibqgħu jinqatgħu mill-benefiċċji li kienet qed tirċievi l-konvenuta mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bir-rata ta' seba' fil-mija (7%);

»Illi konsegwentament għal din il-korrispondenza, fid-19 ta' Novembru 2002 il-konvenuta bagħtet ittra uffiċċjali lil ħutha s-subien (atturi f'din il-kawża) sabiex tavżahom b'tali rifużjoni ta' flus u peress illi "hija ġà prokuratriċi ta' oħtha Salvina *sive* Silvia Tonna tinsab obbligata li tirrifondi" lid-dipartiment imsemmi. L-atturi ppreżentaw ukoll kopja ta' prokura ġenerali magħmula minn Genoveffa Tonna u Silvia Tonna a

favur tal-konvenuta Carmen Cacciattolo quddiem in-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datata 30 ta' Settembru 1997 u din il-prokura ġiet konservata fl-atti tan-nutar suriferit għal-effetti kollha tal-liġi. Mid-dati indikati jidher illi din il-prokura ġiet magħmula fl-aħħar snin qabel ma ġew neqsin Genoveffa u Silvia Tonna. Apparti minn hekk fil-kawża 21/03, fix-xhieda tagħha tas-7 ta' Marzu 2003, il-konvenuta tgħid illi hi kienet "prokuratura ta' ohti Silvia u kont immur insarfilha c-cekkijiet tas-*social services*";

»Illi Genoveffa u Silvia ma kinux jemmnu bil-banek u allura kienu jaħbu l-flus kontanti d-dar – fil-basktijiet, fiż-żraben, fil-kowtijiet u taħt il-gwardarobba. Genofeffa Tonna kellha pensjoni tar-romol ta' Lm1,875 ekwivalenti għal-erbat elef, tliet mija u sittin euro (€4,360) fis-sena. Kellha għajnuna medika ta' Lm283 fis-sena li jiġu ekwivalenti għal sitt mija u disgħa u ħamsin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€659.75), u kellha *bonus* ta' Lm104 li jigu ekwivalenti għal-mitejn u tnejn u erbgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€242.26). Silvia Tonna kellha pensjoni ta' Lm1,725 annwali li jiġu ekwivalenti għal-erbat elef u tmintax-il euro u sbatax-il ċenteżmu (€4018.17) annwali. Din ibbażata fuq is-sena 1997. Peress illi l-attur Paolino Tonna kien jimlilhom il-karti tal-*income tax* kien jaf xi jdaħħlu fis-sena u kien iħalli kopja ta' dawn id-dokumenti għand ommu u oħtu. Jixhed Paolina Tonna illi darba minnhom daħal l-ilma fil-kamra tas-sodda u għajtulu biex jgħinhom ineħħuh, kien taqqab toqba l-isfel ħalli jkun jista joħroġ l-ilma u meta beda jneħħi l-affarijet ta ġol-kamra waqqfuh għax kien hemm xi flus jew ħaġar li ma ridux juruh bih. Apparti minn hekk ommu kienet turih *envelope* ġo kexxun li kellu tmien mitt Lira Maltin ħalli jużawhom għall-funeral tagħha meta tiġi nieqsa;

»Illi Silvia Tonna kienet ilha marida minn età tenera u kienet anke tieħu ħafna mediċina għal dan il-mard. Ommha, Genoveffa Tonna, kienet tieħu ħsiebha hi, iżda mbagħad, meta ġiet nieqsa, il-konvenuta Carmen Cacciattolo marret toqgħod ma oħtha ġewwa l-appartament … Valletta. Dan għaliex Silvia Tonna sfat b'żewġ saqajn amputati u kienet kwazi għamja u għalhekk ma kinitx ta' waħedha u bil-fors kien hemm il-bżonn li xi ħadd jieħu ħsiebha. L-atturi xtaqu illi jdaħħluha ġo *home* iżda l-konvenuta daħlet għal din ir-responsabilità li tieħu ħsiebha hi. Peress li kienet toqgħod viċin, propju ħames kantunieri 'l bogħod minn oħtha, kienet armla u t-tfal tagħha kienu kollha ħarġu mid-dar, iddeċidiet illi tittrasloka għand oħtha u dan sabiex tkun tista ttiha l-kuri u l-assistenza kollha meħtieġa. Min-naħa l-oħra l-atturi jargumentaw illi l-konvenuta għamlet din il-mossa sabiex tkun tista' żżomm il-pussess hi tal-assi kollha ta' ommhom u oħthom u tieħu dak kollu li riedet ad insaputa tagħhom;

»Illi għaxar xhur wara li giet nieqsa omm il-kontendenti, giet nieqsa oħthom Silvia Tonna fil-11 ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) u din mietet intestata. Illi, wara li giet nieqsa Silvia Tonna, il-konvenuta baqgħet tabita gol-fond … Valletta, u għalhekk kellha pussess tal-assi ereditarji kollha u ċioè kellha l-pussess materjali tad-dar u tal-assi li kienu jinsabu ġewwa d-dar u skond l-atturi baqgħet tamministra hi l-assi ereditarji tagħhom. Fil-fatt l-attur Paolino Tonna jixhed illi "Issa meta mietet oħtna Silvia, id-dar ġiet waħedha, il-konvenuta baqgħet toqgħod mingħajr awtorità ta' ħadd, baqgħet tamministra l-affarijiet; aħna ħallejnieha għalkemm ma għandhiex prokura bħal din, tajnieha prokura bil-fomm, baqgħet tagħmel kollox hi", kienet tamministra kollox

hi u ħallew f'idejha biex tqassam l-affarijiet. Skond il-konvenuta baqgħet biss għal xahar u aktar tard tat verżjoni illi damet hemm għal xaharejn u nofs u eventwalment tat verżjoni oħra illi qagħdet hemm għax xi ġimgħatjen biss. Jumejn wara li mietet Silvia, l-attur Paolino Tonna kien mar fil-fond fejn kienet toqgħod oħtu u jsib lil konvenuta flimkien mat-tfal u t-tfal tat-tfal; din ġrat darbtejn u wara l-konvenuta baqgħet toqgħod hemm;

»Illi punt importanti ferm hu illi Silvia Tonna ma setgħetx tiddisponi minn dan il-deheb jew ħaġar prezzjuż ieħor għaliex kienet konfinata fis-sodda u saħħitha ma kinitx tippermettila illi toħroġ mid-dar ħlief għal-visti l-isptar u għalhekk, jekk parti mill-eredità giet nieqsa, kien biss għaliex il-konvenuta ħaditha minn jeddha mingħajr permess ta' ħadd;

»Illi l-atturi ppruvaw jiltaqgħu flimkien mal-konvenuta sabiex jaraw kif se jinqasam il-wirt bejniethom issa li oħthom kienet ġiet nieqsa iżda l-konvenuta dejjem ġabet xi skuża, sakemm sitt xhur wara l-mewt ta' oħthom Silvia irnexxielhom jiftiehmu sabiex jiltaqgħu. L-atturi jisħqu illi l-konvenuta ma riditx tiltaqa' qabel sabiex ikollha ż-żmien kollu neċessarju biex tieħu dak li riedet minn ġol-fond … … …;

»Illi dakinhar li ltaqgħu, il-konvenuta uriethom envelop b'żewġ ġiżirajjen imkissrin fih u infurmathom illi dak kien id-deheb kollu li kien hemm. Kien biss wara sitt xhur mill-mewt ta' Silvia illi l-atturi ndunaw kemm ġew neqsin oġġetti. Sabu l-gwardarobbi u l-kxaxen vojta, taħt it-taraġ fejn ommhom kienet ilha erbgħin sena twarrab u trekken l-affarijiet sabuh sbarazzat. Sabu neqsin friġġ, u forn żgħir u televixin. Sabu neqsin ukoll inkwadri, u ornamenti oħra tat-tiżjin, tapit aħmar nieqes. Id-dar kienet kważi vojta. Kull meta talbu spjegazzjoni għall-affarijiet neqsin, speċjalment id-deheb, mingħand il-konvenuta dejjem kienet tgħidilhom illi ma tafx bihom jew saħansitra li ma kienx jeżisti dak id-deheb. Apparti minn hekk sabu l-għamara kollha vojta u l-post fejn ommhom kien ilha ħafna trekken xi affarijiet u flus kien vojt. Ħadet ukoll xi dokumenti u ritratti tal-familja. Rigward il-*fridge* u t-*television*, il-konvenuta l-ewwel qalet illi Silvia riditha teħodhom u wara tgħid illi ħadet permess mingħand l-attur Lino Tonna;

»Illi rigward id-deheb, il-konvenuta biddlet ħafna verżjonijiet u kkontradixxiet lilha nnfisha. Dan joħroġ ċar mix-xhieda li tat fil-kawża 21/03 fl-ismijiet <u>Carmen Cacciattoli *v.* Mario Tonna</u> illi tagħha ġew esebiti traskrizzjonijiet. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2003 fil-kawża 21/03 Carmen Cacciattolo kienet xehedet "rigward id-deheb li oħti kellha fil-kaxxa ngħid jien li qatt ma rajtha". U mbgħad fit-3 ta' April 2003 reġgħet xehdet "mhux qatt ma rajtha. Rigward id-deheb jien nixtieq nippreċiza li mhux il-kaxxa tad-deheb qatt ma rajt; però l-kaxxa tad-deheb jien qatt ma ftaħtha. Din il-kaxxa kienet tathieli ohti Silvia biex inżommha. L-kaxxa ħadtha d-dar għandi, il-kaxxa erfajtha f'post, u l-kaxxa kienet magħluqa u jien żgur li ma ftaħthiex. Iċ-ċavetta kienet għandi. Meta mietet oħti Silvia, jien ma kellix moħħ". Kompliet tgħid il-konvenuta: "Mario kien qal li oħti Silvia kellha kaxxa tad-deheb. Jien dak il-ħin għidtlu, vera għandi kaxxa, u kif mort iddar jien fettilli niftaħha u fil-kaxxa sibt brazzuletti tat-tfal, għat-tfal tiegħi u għat-tfal ta' wieħed minn ħuti. Kien hemm indikat karta għal min kienu dawn il-brazzuletti. Dawn kienu bil-kitba ta' oħti Silvia bil-firma tagħha";

»Illi d-dokument li nstab f'din il-kaxxa kien indirizzat lil Nadia Brinact (it-tifla tal-konvenuta illi ma kellhomx relazzjoni tajba ma' xulxin) biex tqassam il-brazzuletti hi iżda l-konvenuta qabdet u qassmithom hi mingħajr ma tat il-brazzuletti lil Nadia Brincat. Il-konvenuta tgħid illi tat il-brazzuletti spettanti lil ulied Nadia Brincat kif ukoll lilha personali waqt il-laqgħa li kellha ma' ħutha dak inhar li ltaqgħu sitt xhur wara l-mewt ta' ommhom, iżda mix-xhieda joħroġ illi Nadia qatt ma kienet preżenti f'dik il-laqgħa u għalhekk qatt ma setgħet irċieviet l-ebda deheb. Nadia Brincat ċaħdet dan kollu kemm f'dawn il-proċeduri u anke fil-proċeduri mibdija minn Carmen Cacciattolo. Fil-fatt Cacciattolo ma kinitx tellgħet lit-tifla tagħha Nadia Brincat tixhed f'dawk il-proċeduri għaliex ma qablilhiex u għalhekk Brincat tat ix-xhieda tagħha minn jeddha. Il-verżjoni ta' Nadia Brincat ġiet kkorroborata minn żewġha Kevin Brincat;

»Illi l-konvenuta kompliet tbiddel il-verżjoni tagħha u fil-proċeduri l-oħra tgħid illi apparti dawk il-brazzuletti "dejjem għidt u nerġa' ngħid illi oħti kellha d-deheb ieħor, jien ma nafx fejn mar". F'xhieda oħra quddiem il-perit tekniku legali tal-kawża l-oħra, terġa' tibdel il-verżjoni u tgħid illi id-deheb Silvia qassmitu f'ħajjitha u ma tafx lil min tatu. Verżjoni oħra hija illi dwar l-oġġetti tad-deheb kienu jiftiehmu Silvia u ommha lil min jagħtuhom u lilha kienu jgħidulha lil min kienu tawhom. Tawhom lil Nadia, it-tifla tagħha, tatha l-biċċa l-kbira tad-deheb. Tgħid illi dan id-deheb ingħata meta ommha kienet għadha ħajja u wara l-mewt t'ommha ma rat xejn iżjed minn dan id-deheb;

»Illi s-subien tal-konvenuta xehedu illi zithom Silvia kienet ġeneruża u kienet tixtrilhom rigali tad-deheb lill-erbgħa li huma u, kull meta kienu joħorġuha hu jew ħutu jew isiefru magħha jew iwassluha l-isptar, dejjem kienet tixtrilhom l-affarijiet u ttihom il-flus u anke rigali tad-deheb. Jixhdu ukoll illi Silvia kienet tagħti ħafna rigali lin-*nurses* u lit-tobba u dan biex jippruvaw ipenġu stampa illi Silvia iddisponiet mid-deheb u l-flus kollha li kellha matul ħajjitha. Il-konvenuta tgħid ukoll illi Silvia nefqet ħafna flus fil-mediċini li kienet tieħu u għalhekk il-flus tal-pensjoni marru kollu għal-infieq ta' tali mediċini, izda parti minn dawn il-mediċini kienet teħodhom b'xejn;

»Illi fit-12 ta' Mejju 2009 l-atturi ppreżentaw mandat ta' qbid ġewwa l-proprjetà tal-konvenuta u … … … u ġie eżegwit fit-22 ta' Mejju 2009. Instabu fil-proprjetà tagħha it-*television colour 24*, il-*fridge freezer*, id-*dehumidifier* u forn żgħir abjad li kienu ġewwa l-proprjetà ta' Silvia. Instabet ukoll ġakketta tar-*red fox* li l-attur Mario Tonna kien ta lil Silvia u kienet tiswa mal-ħames mitt lira Maltin. Fis-*safe* illi kellha l-konvenuta d-dar il-marixxal sab brazzuletta, arloġġ tad-deheb, *gold earring flowershape*. Apparti dan, l-atturi ppreżentaw bħala xhud lil Stephanie Falzon, li tiġi l-*ex*-mara ta' wieħed mit-tfal ta' Lino Tonna illi toqgħod fl-istess triq fejn kienu joqogħodu d-defunti u kkonfermat illi darba rat lis-subien ta Carmen – Piero u Tonio – joħorġu l-*fridge freezer* li kienet tinsab ġewwa l-fond ta' Silvia. Kienet tara lill-konvenuta kuljum ħierġa b'basktijiet mimlijin minn hemm ukoll. Ikkonfermat illi kemm Silvia u kemm Genoveffa kienu jħobbu jilbsu d-deheb u għarfet ir-ritratti esebiti u li wara l-mewt ta' Silvia l-konvenuta biss kienet toqgħod ġewwa dak il-fond;

»Illi fatt ieħor ta' min jiġi innotat huwa illi l-attur Paolino Tonna jixhed li wara ħafna żmien li ġiet nieqsa oħthom Silvia l-konvenuta avviċinatu u offrietlu ċurkett bħala tifkira ta' ommhom iżda ma aċċettahx. Dan wara

illi kienet qalet li ma baqax aktar deheb u li ma kinetx taf fejn hu. L-attur ċert illi dan kien qiegħed mal-kwantità ta' deheb illi kien jinsab ġewwa d-dar ta' ommhom. Dan ic-ċurkett kien ta' ommhom u kienet ħallietu lil oħthom Silvia u kien mal-bqija tad-deheb;

»Illi sentejn wara l-mewt ta' oħthom, wieħed mill-atturi, Mario Tonna, xtara l-fond … Valletta u l-konvenuta ma riditx ittih iċ-ċavetta u bdiet tmur minn wara dahru ġol-proprjetà tiegħu. Il-konvenuta xehdet fil-kawża l-oħra li istitwixxiet kontra ħutha s-subien illi Mario Tonna biddel is-serratura wara jumejn biss li xtara l-post. Li kieku ma ppruvatx tiftaħ il-fond żgur li ma kinitx tkun taf li biddel is-serratura u għalhekk din hija konferma illi l-konvenuta kienet baqgħet tmur tieħu l-affarijiet minn ġewwa l-fond f'Strada Stretta anke wara li Mario Tonna kien xtrah hu;

»Illi tliet snin wara l-mewt ta' oħt il-kontendenti, il-konvenuta intavolat kawża għall-kumpens ta' serviġi kontra ħutha l-atturi f'dawn il-proċeduri, kawża numru 21/03 fl-ismijiet <u>Carmen Cacciattolo arma ta' Charles Cacciattolo *v.* Mario Tonna, Lino Tonna u Anthony Tonna</u> deċiża kontra l-istess Cacciattolo u deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fis-17 ta' April 2009 favur ta' Carmen Cacciattolo. L-atti ta' din il-kawża ġew esebiti f'dawn il-proċeduri u dan għaliex l-atturi riedu jressqu il-verżjonijiet differenti illi l-konvenuta kienet tat rigward id-deheb f'dawk il-proċeduri u li jekk hemm verżjoni waħda li hija veritjera mela l-konvenuta kellha timxi magħha u mhux tbiddilha għal-konvenjenza tagħha meta jaqblilha. Kienet proprju din il-kawża illi tefgħet il-melħ fuq il-ferita għall-atturi għax argumentaw illi l-konvenuta mhux biss rebħet il-kawża għas-serviġi illi kienet rendiet lil oħtha iżda ukoll arrikkiet ruħha mill-assi ereditarji illi ma kinux spettanti lilha mentri li fil-fatt kellhom jinqasmu ugwalment bejniethom;

»Illi l-atturi huma interessati li jkunu jafu l-fatti dwar l-aġir abbużiv tal-konvenuta wara l-mewt t'ommhom u aktar u aktar wara l-mewt ta' oħthom Silvia Tonna u kif iddisponiet mill-assi ereditarji speċjalmet mid-deheb u flus kontanti. Jidher illi l-familja tal-kontendenti kienet waħda maqgħuda u kienu jafdaw lil konvenuta b'għajnejjhom magħluqin u għalhekk kien biss meta ltaqgħu sitt xhur wara l-mewt ta' oħthom sabiex jaqsmu l-wirt illi indunaw illi l-konvenuta setgħet ħadet oġġetti li kienu parti mill-assi ereditarji;

»Ikkunsidrat:

»Illi jidher biċ-ċar illi l-konvenuta ħadet ħsieb oħtha Silvia mill-aħjar li setgħet u għamlet dak kollu illi kien hemm bżonn isir. Iżda dan ma jagħtiha l-ebda dritt illi tieħu kwalsiasi oġġett li jidhrilha xieraq bħala kumpens. Jidher illi l-problemi nqalgħu wara l-mewt t'ommhom għax il-konvenuta sabet ruħha libera peress li Silvia ma setgħetx tara x'inhi tagħmel la kienet konfinata fis-sodda u ma setgħetx tqum minn hemm;

»Illi mill-apprezzament tal-provi rriżulta illi l-konvenuta kellha aċċess u kontroll tal-oġġetti kollha li kienu jinsabu fil-fond … Valletta, u dan kemm għax kienet *de facto* amministratriċi u kemm minħabba l-prokura li kellha. Għalkemm xejn ma kien espressament formalizzat u dan forsi sforz tal-familjarità bejn il-kontendenti, jidher illi lkonvenuta kellha *de facto* kontroll indiskuss tal-oġġetti t'ommha u oħtha u *inoltre* li ħadet parti minnhom;

»Illi l-konvenuta xehedet permezz ta' *affidavit* li, għakemm huwa twil, ma qalet xejn biex tissustanzja d-difiża tagħha u fejn qablilha ma

daħlitx fid-dettal jew inkella ma spjegatx b'mod ċar il-verżjoni tagħha. Il-verżjoni tal-konvenuta hija pjuttost xotta u ma tagħti l-ebda dawl fuq il-mertu in kwistjoni. Apparti hekk hemm inkonsistenzi kbar fil-verżjonijiet tagħha;

»Illi tant hemm inkonsistenzi fix-xhieda diversi tal-konvenuta illi mhux ta' min joqgħod fuqha u ħafna mix-xhieda tagħha ġew kontradetti minnha nnifsiha stess jew fil-kontro eżami. Akkost ta' kollox il-konvenuta pruvat tiddevja mid-domandi li sarulha waqt il-kontro-eżami. Dan il-fatt jitfa' dell qawwi fuq il-kredibilità tagħha;

»Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-konvenuta ma tatx prova sodisfaċenti li d-deheb qatt ma messitu jew li ma tafx fejn hu u għalhekk il-qorti ma emmnitx il-verżjoni li tat il-konvenuta u tqis li t-teżi tal-atturi hi iktar kredibbli. Jekk il-konvenuta riedet tipprova u tikkonvinċi lill-qorti mill-amministrazzjoni korretta tagħha kellha tibda biex tipprovdi rendikont dettaljat. Ma tlumhomx l-atturi li jkollhom għalfejn jissuspettaw illi ċerti flejjes u dehebijiet ġew trafugati b'dannu għall-interessi leġittimi tagħhom;

»Illi l-atturi bħala werrieta ta' Genoveffa Tonna u Silvia Tonna, jippretendu li jingħataw mill-imħarrka rendikont dettaljat u soddisfaċenti ta' dak kollu li wettqet u ta' dak kollu li laqgħet għandha. L-interess tal-atturi huwa dak li jaraw x'fadal mill-ġid ta' ommhom u oħthom mal-mewt tagħhom. Minħabba li l-atturi xejn m'huma kuntenti bil-mod kif l-imħarrka mexxiet ħwejjeġ oħthom u ommhom, qegħdin jitolbu l-għarfien tal-jedd li jingħataw rendikont tajjeb u xieraq tat-tmexxija u li, fil-fatt, jingħatalhom dak ir-rendikont, iżda l-imħarrka baqgħet qatt ma tat lill-atturi tagħrif li ssodisfahom, u lanqas fissret kif xi ġid ma baqax jidher aktar. Huwa evidenti li l-azzjoni tal-atturi għandha l-għan li tistħarreġ it-tmexxija tal-ġid tal-mejtin meta dawn ġew nieqsa u hi kienet taġixxi bħala mandatarju tagħhom;

»Kunsiderazzjonijiet legali:

»Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ jirrigwardaw il-jedd tal-atturi li jitolbu li jingħatalhom rendikont ta' kif il-konvenuta, bħala prokuratrici ta' ħwejjeg zithom [*recte*, oħthom] u ommhom, mexxiet l-ġid tagħhom u fiex kien jikkonsisti dak il-ġid;

»Illi għalkemm il-konvenuta ma kinitx maħtura formalment mandatarja, però jidher ċar li kienet tassisti lil ommha u lil zitha [*recte*, oħtha] f'kollox. Il-fatt li ma kinitx formalment prokuratriċi tal-atturi dwar l-assi ereditarji tagħhom xorta għandha obbligu li tagħti rendikont skond il-liġi tad-dhul u nfieq li kien hemm fil-patrimonju ta' Genoveffa u Silvia Tonna ġaladarba mill-provi rriżulta li kienet tamministra il-flejjes kif wkoll l-infiequ l-oġġetti kollha ta' ġod-dar;

»Illi mhux ikkontestat illi l-atturi għandhom sehem f'kull wirt u għalhekk interess fil-beni amministrati. Dan joħloq fuq il-konvenuta l-obbligazzjoni li tagħti kont tal-amministrazzjoni tagħha u tagħti lill-atturi l-jedd li jingħataw dan il-kont;

»Illi l-qorti, f'dan l-istadju, ma jidhrilhiex li għandha tidħol f'eżami bir-reqqa taċ-ċifri u l-entità tal-ġid tal-mandanti, għaliex b'dak li ssemma' qabel u bil-konsegwenzi ta' dak li ħareġ mix-xhieda mogħtija u mill-provi dokumentali li jinsabu fl-atti tal-kawża toħroġ xbiha ċara biżżejjed li l-azzjoni attriċi ma saritx għal xejn. Mhux hekk biss, imma din il-qorti jidhrilha li huwa fl-interess tal-konvenuta stess li jsir rendikont xieraq u

> sewwa ta' kif tmexxa l-ġid ta' Genoveffa u Silvia Tonna tul iż-żmien kollu li kienet fis-seħħ il-prokura favur tagħha u wkoll wara, u li tali rendikont ikun lil hinn minn kull suspett u dubju. Il-qorti trid li r-rendikont isir u jitressaq taħt ir-responsabbiltà sħiħa u waħdanija tal-konvenuta li hija marbuta li tagħmlu u bil-konsegwenzi kollha li jinstiltu minn dak il-fatt jekk kemm-il darba dan ma jsirx jew jintwera li ma sarx kif imiss.«

13. Wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-ewwel qorti sabiex tappella, il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors tat-30 ta' Lulju 2019 li għalih wieġbu l-atturi fl-14 ta' Awwissu 2019.

14. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 quddiem din il-qorti il-konvenuta appellanti kompliet ressqet l-eċċezzjoni illi l-azzjoni tal-atturi hija preskritta taħt l-art. 2157 tal-Kodiċi Ċivili

> »**2157.** L-azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur ieħor, taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispiċċa, jew bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandat-arju jew amministratur ieħor.»

15. Mill-atti tal-kawża jirriżulta b'mod ċar illi l-konvenuta kienet mandatarja jew prokuratriċi ta' ommha u oħtha sa meta mietu fid-9 ta' Marzu 1999 u fil-11 ta' Jannar 2000 rispettivament. Dan il-fatt jirriżulta mhux biss mill-prokura fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami tat-3 ta' Ottubru 1997 li ġiet eżebita mill-attur Lino Tonna fl-20 ta' Awissu 2009[1] iżda wkoll minn provi oħrajn li juru li l-konvenuta kienet issarraf *cheques* pagabbli lil oħtha Silvia Tonna, u hekk tiġbed flus ta' oħtha. Kienet il-konvenuta stess, fir-rikors tal-appell tagħha kif ukoll fl-*affidavit* tagħha tat-30 ta' Diċembru 2020, li fl-aħħar ammettiet – għalkemm qabel kienet ċaħdet – illi ommha u oħtha

---

[1] *Foll.* 52 *et seqq.*

Silvia kienu għamlu prokura favur tagħha "għall-ġejjieni għal dak li jista' jinqala".

16. Il-provi juru wkoll illi l-konvenuta kellha f'idejha beni ta' oħtha u ommha mhux biss matul ħajjithom iżda wkol wara mewthom, meta baqgħet toqgħod ġewwa d-dar tagħhom għal mill-inqas madwar xahrejn u nofs wara l-mewt ta' oħtha, *i.e.* sa April tas-sena 2000, għax l-atturi jgħidu li damet aktar. Għalhekk baqgħet fil-pussess tal-assi ereditarji anke wara l-mewt ta' oħtha Silvia Tonna u kellha *de facto* kontroll sħiħ tal-beni ta' ommha u ta' oħtha għal dan iż-żmien kollu.

17. Il-provi juru wkoll illi dan il-pussess ma ntemmx f'April tas-sena 2000 għax wara li marret lura d-dar tagħha – kif tgħid hi – f'April tas-sena 2000 il-konvenuta xorta waħda kienet regolarment tiffrekwenta l-post fejn kienu joqogħdu ommha u oħtha, li kien viċin ħafna fejn toqgħod hi. Tant hu hekk li wara li l-attur Mario Tonna xtara l-fond mingħand ħutu madwar sentejn wara li mietet Silvia Tonna, u biddel is-serratura minnufih, fi żmien jumejn wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt, il-konvenuta mal-ewwel indunat b'dan, għax ippruvat tidħol u sabet illi ċ-ċavetta li kellha ma kinitx taqbel.

18. Meta xehed fit-8 ta' Novembru 2010 l-attur Paolino Tonna qal hekk dwar dan:

> »... ... … kif appena mietu hija baqgħet toqgħod hemmhekk għal sentejn sħaħ. Issa aħna stajna naraw kollox x'sar u ma sarx. Il-biċċa xogħol hija li f'dan l-intervall tas-sentejn meta Mario xtara l-post, aħna konna naraw lilha xorta titla' l-*flat*; issa dan appartament li hemm mal-24 flat fihom. U din kienet tidħol minn hemm hekk u kienu jgħiduli li dieħla u toħroġ bl-affarijiet tinżel. Fil-fatt għandi xhud li rrid inġibu, qed

> jarawha ħerġin bl-affarijiet mid-dar dawna. U din meta xehdet hi – għax hawn is-sabiħa! – meta xhedet hi qalet dawn il-preċiżi kelmiet … … … fejn qalet "xi jumejn wara li Mario xtara l-post, wara jumejn biddel is-serratura". Dik kif saret taf li biddel is-serratura wara jumejn? Wara jumejn saret taf li biddel is-serratura.«[2]

19. Għandu jingħad ukoll li l-konvenuta appellanta għadha sal-ġurnata tallum fil-pussess ta' assi ereditarji ta' ommha u oħtha Silvia Tonna bħal ma huma l-*fridge*, forn iż-żgħir, *tv* antik u l-kaxxa żgħira tad-deheb li kollha kienu jinsabu ġod-dar t'ommha u oħtha meta kienu għadhom ħajjin[3]. Kienet il-konvenuta stess li ammettiet li ħadet ħafna minn dawn l-affarijiet id-dar tagħha, għalkemm tgħid illi dan kien bil-kunsens ta' Lino Tonna[4].

20. Dan kollu jfisser li l-konvenuta għadha sallum bl-assi tal-wirt f'idejha, u għalhekk għadha effettivament tamministra dawk l-assi sallum.

21. Barra minn hekk intbgħatet ittra ġudizzjarja mill-atturi lill-konvenuta fit-22 ta' Novembru tas-sena 2004[5] u dik l-ittra saret espressament sabiex "tiġi interrotta l-preskrizzjoni". Tassew illi dak li talbu l-atturi f'din l-ittra ġudizzjarja m'huwiex preċiżament dak li talbu fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża, għax fl-ittra ġudizzjarja l-atturi talbu lill-konvenuta sabiex "fi żmien tmienja u erbgħin siegħa ... tirritornalhom id-diversi oġġetti ta' dehbijiet, mobbli u mobbilja oħra" li jgħidu illi ħadet "abbużivament, illegalment, mingħajr ebda awtorizzazzjoni

2 *Fol*. 340.

3 Ara *foll.* 114, 135, 155, 177, 181, 225, 396, 397, 446, 575, 576, 598, 658, 659, 731, 732, 796, 805, 808. Ara wkoll *foll.* 577, 664 sa 683, 694 fejn il-konvenuta appellanti tikkonferma li l-kaxxa ż-żgħira tad-deheb kienet għandha meta mietet oħtha u li qassmet l-affarijiet li kien hemm ġo fiha skond dak li kien hemm miktub fuq karta miktuba minn Silvia Tonna.

4 Ara *foll.* 576, 579, 594, 796, 797 tal-proċess. Din l-allegazzjoni tal-konvenuta li kellha l-kunsens ta' ħuha ma ġiet bl-ebda mod ippruvata.

5 *Foll.* 15 *et seqq.*

jew kunsens, espliċitu jew impliċitu da parti tal-ko-eredi", waqt li f'din il-kawża l-atturi appellati talbu lill-qorti i. "taċċerta l-konsistenza tal-assi ereditarji", ii. tikkundanna lill-konvenuta tagħti rendikont ta' dawn l-assi u, fin-nuqqas tal-konvenuta, iii. tagħti lilhom is-setgħa li jippreżentaw rendikont, u iv. tikkundanna lill-konvenuta trodd il-beni tal-wirt. Madankollu meta tqis illi l-għan aħħari tal-atturi kemm f'din l-ittra ġudizzjarja kif ukoll fil-proċeduri tallum kien sabiex il-konvenuta trodd il-beni tal-wirt, u tqis ukoll illi l-preskrizjoni hija odjuża u għalhekk għandha tingħata interpretazzjoni stretta, din il-qorti hija tal-fehma illi bl-ittra ġudizzjarja tat-22 ta' Novembru 2004 l-atturi wrew b'mod ċar illi kienu jivvantaw il-pretensjonijiet tagħhom fuq il-wirt ta' oħthom u ommhom li huma l-meritu tal-każ tallum.

22. F'każijiet bħal dawn kull dubju dwar jekk l-azzjoni ġudizzjarja hijiex preskritta jew le għandu jmur kontra min iressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u favur il-kreditur/i.

23. Għalhekk, kemm għax sallum il-konvenuta għandha f'idejha beni tal-wirt u kemm għax f'kull każ il-preskrizzjoni nkisret bl-ittra ġudizzjarja tat-22 ta' Novembru 2004 – anqas minn ħames snin wara l-mewt ta' oħt il-partijiet fil-11 ta' Jannar 2000 u anqas minn ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża fl-4 ta' Ġunju 2009 – l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija miċħuda.

24. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell.

25. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta tgħid illi l-ewwel qorti kkunsidrat biss ix-xiehda tal-atturi u "ma ħaditx in konsiderazzjoni ix-xhieda li tat l-

konvenuta fl-*affidavit* dettaljat tagħha u l-*affidavits* tat-tfal subien tagħha" qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha. Tkompli tgħid illi l-ewwel qorti injorat ukoll ix-xiehda tat-tabib tagħha meta qal illi hi kellha bżonn toqgħod ġewwa għal kważi xahrejn wara li mietet oħtha Silvia Tonna peress li kellha *bronchite*.

26. Fil-fehma tal-qorti dan kollu huwa irrelevanti, bħalma jkolna ngħidu illi ħafna mill-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel qorti wkoll kienu irrelevanti. Il-kwistjoni f'din il-kawża f'dan l-istadju hija sempliċi: il-konvenuta kienet jew ma kinitx amministratriċi ta' ommha u ta' oħtha? Fl-eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta kienet fittxet li tiddefendi ruħha billi tgħid illi qatt ma kienet prokuratriċi ta' ħutha l-atturi, iżda dan ukoll huwa irrelevanti: il-kwistjoni ma hijiex jekk kinitx prokuratriċi tal-atturi iżda jekk kinitx mandatarja ta' ommha u ta' oħtha u jekk amministratx il-wirt tagħhom.

27. Jekk kienet mandatarja u amministratriċi l-kwistjoni f'dan l-istadju tieqaf hawn. L-art. 1875 igħid ċar illi "l-mandatarju … għandu jagħti kont ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat", waqt illi l-art. 389(1) tal-Kodiċi ta' Organizz-azzjoni u Proċedura Ċivili jgħid daqstantieħor ċar illi "Kull min hu obbligat li jagħti kont, għandu jippreżentah bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh". Kull ma hu meħtieġ biex tiskatta din l-obbligazzjoni fuq il-konvenuta hu li jintwera li kienet mandatarja ta' ommha u ta' oħtha u li kellha ġid tagħhom f'idejha. Dan intwera ampjament. Għalhekk il-konvenuta għandha l-obbligazzjoni li tagħti l-kont li jridu

mingħandha l-atturi bħala werrieta ta' ommhom u ta' oħthom. Kwistjonijiet dwar il-konsistenza tal-assi u dwar il-korrettezza tal-kont jekk dan jingħata jqumu wara: f'dan l-istadju kull ma hemm bżonn li jingħad hu li l-konvenuta għandha tagħti l-kont mitlub mill-atturi, kif ordnat l-ewwel qorti.

28. Il-qorti għalhekk wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2157 tal-Kodiċi Ċivili tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' erbgħin jum għandu jibda għaddej millum. U billi hija tal-fehma illi l-appell tal-konvenuta huwa wieħed fieragħ il-qorti, wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuta appellanti tħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn.

29. L-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti biex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm